# Il-Verbi tal-Ewwel Forma




www.maltikurja.com

# L-azzjonijiet fil-lingwa

- Inħobb immur mixja għall-kwiet.
- Ħafna jagħmlu xi sports fil-ħin liberu.
- Ġera kemm felaħ u wasal l-ewwel.
- Telqet ix-xogħol warajha u niżlet tgħum.

**X'informazzjoni jagħtuna dawn il-verbi?**



www.maltikurja.com

# Il-verbi

- Juru azzjoni, xi ħadd jagħmel xi ħaġa.
- L-azzjoni sseħħ fil-Preżent, fil-Futur jew fil-Passat.
- Isseħħ minn persuni differenti: *jien, inti, huwa, hija, aħna, intom, huma.* Skont il-persuna jinbidel il-verb.



# Il-Verbi tal-Malti






**www.maltikurja.com**

# Il-Mamma u l-Għerq

- Il-Mamma nsibuha billi nistaqsu *Huwa x'għamel ilbieraħ?*
- L-Għerq huwa l-konsonanti tal-Mamma



**Trilitteru**

(3 konsonanti fl-għerq)

**Kwadrilitteru**

(4 konsonanti fl-għerq)

# Iz-Zokk Morfemiku

- Din hija parti mill-verb li hi misselfa minn lingwa barranija; Taljan jew Ingliż.
- Magħha jingħaqdu  s-suffissi u l-prefissi

| | | |
|---|---|---|
| Eż: | ikkontrolla – | *kontroll* (zm) |
| | nippjanaw – | *pjan* (zm) |
| | tikkomunika – | *komunik* (zm) |
| | jipprintjaw – | *print* (zm) |



# Il-Verb Ewlieni u Mnissel

- Il-verb jista' jkun ewlieni jew imnissel.
- Il-verb ewlieni mhu ġej minn ebda kelma oħra, filwaqt li l-verb imnissel ġej minn kelma oħra, ħafna drabi verb ieħor.

| Ewlenin | Imnisslin |
|---|---|
| fetaħ | (i)nfetaħ |
| kiser | kisser, tkisser, (i)nkiser |
| qala' | (i)nqala' |
| qagħad | qiegħed |
| kiteb | (i)nkiteb |
| waqa' | waqqa', twaqqa' |

# Il-Verb tal-Ewwel Forma

- Dan il-verb  huwa meqjus ukoll bħala l-forma ewlenija.
- Il-verb l-aktar bażiku u sempliċi.

| | Perfett | Imperfett |
|---|---|---|
| **Jiena** | ktibt | nikteb |
| **Inti** | ħriġt | toħroġ |
| **Huwa** | sema’ | jisma' |
| **Hija** | għalqet | tagħlaq |
| **Aħna** | morna | (i)mmorru |
| **Intom** | ħassejtu | tħossu |
| **Huma** | ġrew | jiġru |